MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 688/2011

**JV Pharma Limited (C-5034)**
**Vs**
**The Golden Shepherd Group Limited (C-14948)**
**u Frank Portelli**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici titlob li jithallsu jew minn minnkom is-somma ta’ tliet elef u hames mitt ewro (€3,500) oltre l-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv rapprezentanti prezz ta’ medicini mibjugha u kkonsenjati; bl-ispejjez.

Ra mill-atti li l- konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li giet pprezentata nota ta’ riduzzjoni fil- 25 ta’ Jannar, 2012 mill-Avukat Dr. Christian Grima, permezz ta’ liema nota s-somma mitluba giet ridotta ghall-ammont ta’ tliet

elef, mija u sitta u ghoxrin ewro u erba’ u tletin centezmu (€ 3,126.34c).

Ra li giet pprezentata nota ta’ riduzzjoni fis-16 ta’ Mejju, 2012 mill-Avukat Dr. Christian Grima, permezz ta’ liema nota s-somma mitluba giet ridotta ghall-ammont t’ elfejn, mija u sitta u ghoxrin ewro u erba’ u tletin centezmu (€ 2,126.34c).

Ra li gie prezentat kapitolu fis-16 ta’ Mejju, 2012 mill-Avukat Dr. Christian Grima w l-fatt li l- konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuti naqsu milli jipprovaw il-kaz taghhom quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif minnha stess ridott fl-ammont t’ elfejn, mija u sitta u ghoxrin ewro u erba’ u tletin centezmu (€ 2,126.34c) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif mitluba u skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------